MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Numru 24/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Mario Vella**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 24 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Mario Vella li bih :

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi matul il-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Frar 2005, gewwa Hal-Qormi, il-pulizija kienet fit-Triq il-Mithna sabiex tarresta lil Mark Pace. Dan l-arrest kien qieghed jigi mwettaq peress li f'xi hin qabel, Mark Pace kien spara zewg tiri b'senter isserat fuq karrozza ipparkjata ftit l-isfel mir-residenza tieghu u zewg tiri ohra fuq ir-residenza ta' ommu Giovanna Pace. Wara li spara dawn it-tiri, Marco Pace mar fir-residenza tieghu numru 80, fl-Triq il-Mithna, Hal Qormi, u qabbad lill-akkuzat jarmi fit-toilet l-iskratacc vojta li kien uza. L-akkuzat dak il-hin, qabad dawn l-iskratacc u mar u ramihom fit-toilet. Wara Marco Pace inbarra l-bieb ta'

barra bis-stanga u nghalaq hemm gew flimkien ma l-akkuzat u zewg nisa ohra, Kelly Micallef u Yanika Abdilla.

Illi l-pulizija damet zmien twil tipprova tipperswadi lill-akkuzat kif ukoll lil Marco Pace biex johorgu minn dan il-fond pero` huma baqghu jirrifjutaw kull proposta maghmula mill-pulizija; anzi bdew jisfidaw l-pulizija sabiex jidhlu ghalihom huma, peress li kienu lesti ghalihom.

Illi Marco Pace qabad arma tan-nar u prepara ruhhu sabiex kif jidhlu il-pulizija jispara fuqhom.

Illi f'dik is-sitwazzjoni, l-akkuzat beda konsistentement ixewwex u jsahhah il-volonta` ta' Marco Pace billi kompla jheggu f'dan l-agir abuziv u kriminuz tieghu.

Illi Marco Pace spara tir ghall-bieb ta' barra, liema tir nifed il-bieb u laqat il-karrozzi li kienu ipparkeggjati quddiem ir-residenza tieghu. Hadt ma intlaqat b'dan it-tir.

Wara dan l-agir, il-pulizija sparat xi gass ta' dmugh gewwa dina r-residenza.

Illi minhabba dan il-gas l-akkuzat, Mark Pace u z-zewg tfajliet Kelly Micallef u Yanika Abdilla telghu fuq il-bejt.

Fuq il-bejt l-akkuzat u Mark Pace bdew jippjanaw kif se joqtlu lill-pulizija. Dak il-hin Mark Pace kien ghadu armat bl-istess arma tan-nar u kellu ukoll xi munizzjoni ta' dina l-arma. Hemm ghadda dan il-munizzjoni lil l-akkuzat sabiex izommhomlu. L-akkuzat ha dan il-munizzjoni u poggiehom taht gebla u kompla ixewwex u jsahhah l-volonta` ta' Mark Pace bil-kliem u l-agir tieghu sabiex joqtol lill-pulizija.

Illi dak il-hin, Mark Pace lemah lis-surgent tal-pulizija bin-numru 1460 George Farrugia li kien qieghed josservahom minn fuq flyover parallela u livell tal-bejt ta' residenza tieghu;

Illi dolozament, bil-hsieb li joqtol lis-surgent 1460 George Farrugia jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, Mark

Pace ipponta arma tan-nar lejh u sparalu tir. Fortunatament, ma laqtux. Meta ra li ma laqtux Mark Pace rega ghafas il-grillu ta' l-arma darbtejn pero` l-arma xorta ma haditx. Dak il-hin Mark Pace talab lil l-akkuzat inewwilu l-munizzjoni biex jerga jikkarga l-arma u ikun jista' jerga jispara. L-akkuzat konxju ta' x'kien qieghed jigri u jaghmel Mark Pace, urieh fejn kien pogga l-munizzjon. Mark Pace, fuq l-indikazzjoni ta' l-akkuzat, sab dan il-munizzjoni u pprova jerga' jikkarga l-arma pero l-arma baqghet ma haditx. Ghal din ir-raguni Marco Pace ma rnexxilux fl-ghan tieghu.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Mario Vella irrenda ruhu hati ta' komplicita` f'tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` fid-delitt ta' min dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu u dana billi xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta` tieghu sabiex jaghmel delitt u/jew xjentement ghen, jew assista lill-awtur billi pprovda mezzi li gew uzati fl-ghemil tad-delitt meta kien jaf li kellhom hekk jigu wzati mill-awtur;

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mario Vella hati ta' komplicita` f'tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` fid-delitt ta' min dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u dana billi xewwex lil l-awtur inkella sahhah il-volonta` tieghu sabiex jaghmel delitt u/jew xjentement ghen, jew assista lill-awtur billi pprovda mezzi li gew uzati fl-eghmil tad-delitt meta kien jaf li kellhom hekk jigu wzati mill-awtur; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa tletin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 42 (c) u (d), 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht c-cirkostanzi ndikati fil-ewwel Kap ta’ l-Att tal-Akkuza u cioe` fil-15 u s-16 ta’ Frar 2005, gewwa Hal-Qormi waqt li l-akkuzat kien imsakkar fil-fond 80, fit-Triq il-Mithna, Qormi u l-ispettur Jeffrey Cilia kien qieghed jipprova jipperswadih biex johrog minn dan il-fond, l-akkuzat beda jhedded lill-pulzija li kien fetah ic-cilindri tal-gas u li kien se jgholli l-binja u joqtol lil kulhadd. Illi waqt id-diskursata ma l-ispettur Jeffrey Cilia permezz tac-cellulari, l-akkuzat ingurja u hedded ukoll personalment lill-ispettur bi kliem. Dan it-theddid beda jsir sabiex ibezza lill-pulizija ha titlaq minn fuq il-post ta’ l-incident u l-arrest ma jsehhx.

Illi ghalhekk b’ghemilu l-imsemmi Mario Vella, sar hati talli ngurja u hedded lil l-ispettur Jeffrey Cilia u l-membri tal-korp li kienu prezenti fuq il-post waqt li dawn kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan il-servizz.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Mario Vella hati talli ngurja, jew hedded il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi f’esekuzzjoni ta’ dan is-servizz; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi hu jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ minn xahar sa sitt xhur skond l-artikoli 95, 249, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b’sebgha (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Mario Vella **hati** tal-Ewwel Kap u b’vot unanimu sabuh hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Mario Vella hati talli

1. bejn il-15 u s-16 ta' Frar, 2005 gewwa Hal-Qormi, bhala komplici f'tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` fid-delitt ta' min dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u dana billi xewwex lil l-awtur inkella sahhah il-volonta` tieghu sabiex jaghmel delitt u/jew xjentement ghen, jew assista lill-awtur billi pprovda mezzi li gew uzati fl-eghmil tad-delitt meta kien jaf li kellhom hekk jigu wzati mill-awtur, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.
2. bejn il-15 u s-16 ta' Frar, 2005 gewwa Hal-Qormi, ngurja, jew hedded il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi f'esekuzzjoni ta' dan is-servizz, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-fedina penali tal-hati.
Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Anglu Farrugia.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja.

Ikkunsidrat :

Illi r-reati taht iz-zewg kapi tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huma assorbiti fir-reat taht l-ewwel kap.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 42 (c) u (d), 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i), 95, 249, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati **Mario Vella** ghall-piena komplessiva ta' sebgha (7) snin prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta' tlett elef, tlett mija w tlett Euros w disgha w disghin centezmi (€3303.99), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji nkorsi f'dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

F’kaz li l-ispejjez ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti f’terminu ta’ prigunerija skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------